Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16451/25

| |
|---|
| **Fajl Interistituzzjonali:** |
| **2025/0221 (COD)** |

**TRANS 628**
**ENER 654**
**CODEC 2029**
**POLMIL 409**
**COMPET 1304**
**MI 1016**
**CADREFIN 363**
**FIN 1517**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2028-2034, li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1679 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/1153<br>- Approċċ Ġenerali Parzjali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu ta' wara l-2027, inkluż proposta għall-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (FNE). Il-proposta tal-FNE għandha l-għan li tipprovdi l-bażi legali għall-perjodu 2028-2034 għall-investimenti fin-networks trans-Ewropej għall-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija, inkluż il-mobbiltà militari u l-proġetti transfruntieri tal-enerġija, primarjament għall-enerġija rinnovabbli.

2. Għat-trasport, il-proposta tal-FNE għandha l-għan li:

a) tikkontribwixxi għat-tlestija tan-network trans-Ewropew tat-trasport ("TEN-T"), filwaqt li tikkonċentra b'mod partikolari fuq proġetti ta' infrastruttura b'dimensjoni transfruntiera b'saħħitha;

b) tikkontribwixxi għat-tlestija ta' TEN-T intelliġenti, reżiljenti, sikur, interoperabbli, dekarbonizzat u sostenibbli;

c) tinvesti f'konnessjonijiet transfruntieri ma' pajjiżi terzi li jimplimentaw il-mapep indikattivi tat-TEN-T;

d) tadatta partijiet tan-network TEN-T għall-użu doppju ta' infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li jittejbu kemm il-mobbiltà ċivili kif ukoll dik militari fl-UE kollha.

3. Għall-enerġija, il-proposta tal-FNE għandha l-għan li:

a) tikkontribwixxi bħala objettiv ċentrali għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku f'konformità mar-Regolament TEN-E biex tappoġġa l-kisba tas-suq intern u t-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija billi tappoġġa proġetti ta' infrastruttura transfruntieri fl-UE u ma' pajjiżi terzi ġirien;

b) ittejjeb l-interoperabbiltà tan-networks, tiffaċilita d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, telimina l-konġestjonijiet fl-interkonnessjoni, tippromwovi l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u tiżgura s-sigurtà tal-provvista;

c) tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija, primarjament permezz ta' appoġġ għal proġetti transfruntieri tal-enerġija rinnovabbli jew permezz tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilit skont ir-Regolament 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

4. Fit-22 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-FNE u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks.

5. Biex jikkoordina u jagħti struttura lill-ħidma tal-Kunsill, u f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Settembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (AHWP CEF)[1]. L-AHWP CEF iltaqa' sitt darbiet bejn l-10 ta' Settembru u d-19 ta' Novembru 2025 u ddiskuta t-testi ta' kompromess tal-Presidenza.

6. Abbażi tal-kummenti li waslu mill-Istati Membri fil-laqgħa tal-AHWP CEF tad-19 ta' Novembru 2025, il-Presidenza rrevediet ulterjorment it-test ta' kompromess, li ġie diskuss mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-3 ta' Diċembru 2025. Id-diskussjoni wriet appoġġ wiesa' għat-test ta' kompromess tal-Presidenza, bi ftit aġġustamenti biss meħtieġa.

7. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'tipa grassa u sottolinjata għaż-żidiet u b'tipa ingassata għat-tħassir. Il-bidliet meta mqabbla mal-aħħar dokument ippreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-3 ta' Diċembru 2025 huma mmarkati anki bil-korsiv.

---

[1] ST 11716/25.

## III. ELEMENTI EWLENIN TAL-KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

8. Peress li l-proposta tal-FNE hija marbuta mal-QFP li jmiss, id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu u tqiegħdu f'parentesi - u b'hekk ġew esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali - sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jikkonċernaw ir-referenza għall-pakkett finanzjarju fil-prezzijiet attwali u għad-deflatur (il-premessa 1), ir-referenzi għall-Istrument InvestEU tal-FEK u l-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali (il-premessi 19 u 20), ir-referenza għar-Regolament dwar il-Prestazzjoni (il-premessa 28), id-durata tal-programm (l-Artikolu 1), il-baġit (l-Artikolu 4), l-appoġġ li għandu jiġi pprovdut permezz tal-Istrument InvestEU u l-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali (l-Artikolu 8, il-paragrafi 3 sa 5), u r-rati ta' kofinanzjament differenzjati (l-Artikolu 10, il-paragrafi 6 sa 8). Id-dispożizzjonijiet bejn parentesi jistgħu jiġu rieżaminati, jekk ikun meħtieġ, hekk kif javvanzaw in-negozjati.

9. Il-kompromess tal-Presidenza jħalli barra wkoll il-kwistjonijiet marbuta ma' allokazzjonijiet fissi oħra u l-bilanċ ġeografiku li ġew identifikati bħala trażversali fin-natura tagħhom u li jmorru lil hinn mill-programm tal-FNE.

10. Emendi għad-dispożizzjonijiet orizzontali:

   a) **Objettivi tal-programm** - Artikolu 3 - saret enfasi akbar fuq il-kontribut tal-FNE għad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni u l-kompetittività tas-suq uniku. Fil-premessi, iddaħħlet formulazzjoni speċifika li tenfasizza l-ħtieġa li titqies l-ispeċifiċità ġeografika ta' kull Stat Membru meta titqies id-dimensjoni transfruntiera tal-proġetti.

   b) **Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm** - Artikolu 7 - filwaqt li ma ġiet introdotta l-ebda emenda direttament f'dak l-Artikolu, żdiedu kjarifiki dwar il-modus operandi eżistenti fil-premessa (31), inkluż fir-rigward tal-importanza li jiġu ppreservati l-kundizzjonijiet ekwi.

c) **Eliġibbiltà** - Artikolu 9 - l-Artikolu ġie abbozzat mill-ġdid biex itejjeb is-solidità u ċ-ċarezza legali billi jispjega l-kriterji ta' eliġibbiltà u jispeċifika l-kontenut tal-programmi ta' ħidma. Żdied Artikolu 9a ġdid dwar il-kriterji għall-aġġudikazzjoni (i) biex jiġi ċċarat li l-kriterji għall-aġġudikazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-programmi ta' ħidma (u jistgħu jiġu dettaljati aktar f'dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni), u (ii) biex jiġu stabbiliti elementi li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra meta tistabbilixxi l-kriterji għall-aġġudikazzjoni. Dawk il-bidliet huma riflessi wkoll fil-premessa (24). Barra minn hekk, il-paragrafu 7 tħassar, peress li jista' jiġi interpretat b'mod li jillimita b'mod sinifikanti l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal finanzjament għal proġetti ta' infrastruttura, speċjalment dawk b'impenji ta' finanzjament nazzjonali minn qabel.

d) **Koerenza ma' Programmi oħra tal-QFP** – Artikolu 12, il-paragrafu 3a – ġiet introdotta dispożizzjoni biex tirrifletti l-ħtieġa għal koerenza u komplementarjetà bejn il-programmi ta' ħidma li jimplimentaw il-Programm tal-FNE u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li - flimkien mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali - għandhom jiżguraw kopertura aħjar tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-Istati Membri għal proġetti ta' infrastruttura. Aktar elementi rigward il-koerenza operazzjonali huma koperti minn artikoli u premessi fil-parentesi tal-kompromess.

e) **Regoli komplementari għall-għotjiet** - Artikolu 10 - ġew inklużi kjarifiki biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji tal-għotjiet ikunu involuti kif xieraq f'każ ta' kwalunkwe tnaqqis jew terminazzjoni ta' għotja.

f) **Komitoloġija** - Artikoli 12, 12a u 15 - biex jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-Istati Membri fl-istabbiliment tal-programmi ta' ħidma u fl-għażla tal-proġetti għall-finanzjament tal-FNE, il-proċedura konsultattiva ġiet sostitwita mill-proċedura ta' eżami. Barra minn hekk, ġiet inkluża klawżola ta' ebda opinjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma.

11. Emendi għad-dispożizzjonijiet speċifiċi għat-trasport:

a) Definizzjonijiet - Artikolu 2 - ġew iċċarati jew miżjuda għadd ta' definizzjonijiet, inkluż "infrastruttura tat-trasport b'użu doppju" u "proġett globali".

b) Objettivi tal-programm - Artikolu 3 - fil-paragrafu 2(a)(i)(1) saret referenza espliċita għall-**Kurituri Ewropej tat-Trasport** biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti li jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament.

c) **Eliġibbiltà (ta' proġetti ta' mobbiltà militari)** - Artikolu 9(4), l-Artikolu 9(8) u l-premessa (24) - ġiet enfasizzata l-importanza ta' kunsiderazzjoni xierqa tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku matul il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni.

d) Wara konsultazzjonijiet estensivi, l-**Anness** bil-lista indikattiva ta' proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera ġie emendat, prinċipalment biex jitqiesu: (i) diversi adattamenti tekniċi, (ii) l-inklużjoni ta' sezzjonijiet transfruntieri ġodda li ma kinux fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, (iii) estensjonijiet ta' ċerti sezzjonijiet eżistenti fil-każ ta' ferroviji ta' veloċità għolja. Fl-istess ħin, fil-premessa (4) ġie enfasizzat li l-Anness huwa biss illustrattiv u bħala tali la jippreġudika l-għażla ta' proġetti għall-kofinanzjament tal-FNE u lanqas ma jistabbilixxi impenji finanzjarji min-naħa tal-Istati Membri.

12. Emendi għad-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-enerġija

a) Premessa ġdida tiċċara r-**rabtiet bejn it-tisħiħ u d-disponibbiltà tal-grilja interna u l-kapaċità ta' interkonnessjoni transfruntiera**.

b) Iddaħħlet formulazzjoni speċifika biex jiġi żgurat li **jitqiesu** l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi tal-Istati Membri, inkluż **l-Istati Membri gżejjer**.

c) **Definizzjonijiet** - Artikolu 2 - id-definizzjoni ta' proġett transfruntier fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli ġiet immodifikata biex tqis, fejn applikabbli, il-**konnessjoni mal-grilja tad-distribuzzjoni jew tat-trażmissjoni**, dment li tifforma parti integrali mill-proġett. Din il-bidla tapplika wkoll għall-proġetti ta' ħżin definiti f'dan l-artikolu.

d) **Objettivi tal-programm** - Artikolu 3 - fil-paragrafu 2(b)(i), ġie enfasizzat b'mod espliċitu **r-rwol ċentrali** tal-**proġetti ta' interess komuni** u tal-**proġetti ta' interess reċiproku**. Iddaħħlet l-**eliminazzjoni tal-konġestjonijiet fl-interkonnessjoni** filwaqt li l-**protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija** żdiedet mar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-enerġija. Il-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi tal-enerġija ġiet ikkunsidrata wkoll fil-premessi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3, il-paragrafu 2(b)(ii) ġie ċċarat aktar fir-rigward tal-objettiv li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija, jiġifieri primarjament għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

e) Dejjem fl-Artikolu 3, fil-paragrafu 2(b)(ii), ġie ċċarat li l-proġetti li jistgħu jiġu appoġġati permezz tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli jinkludu wkoll il-ħżin meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

f) **Proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli** - Artikolu 11 - il-paragrafu 2 ġie mmodifikat biex jiżdiedu d-dekarbonizzazzjoni, il-flessibbiltà tas-sistema u l-ħżin mal-benefiċċji tal-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Tali proġetti għandhom jiġu vvalutati wkoll għal benefiċċji speċifiċi potenzjali meta jkunu marbuta b'mod integrali mal-espansjoni ta' networks tal-enerġija transfruntieri. Dan ġie rifless fil-paragrafu 4.

g) **L-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tal-baġit tal-Programm għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni** - l-Artikolu 11 - il-paragrafu 5 ġie modifikat biex jiżdied li l-allokazzjoni tista' sseħħ ukoll meta tippermetti l-finanzjament ta' proġetti li jippermettu **integrazzjoni kosteffettiva tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija.** Barra minn hekk, jekk il-kontribuzzjoni ta' 5 % għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni tkun ġiet allokata bis-sħiħ sal-1 ta' Jannar 2031, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li talloka kontribuzzjoni ulterjuri li ma taqbiżx 5 % tal-baġit li jifdal ta' dan il-Programm (il-paragrafu 5a l-ġdid). Qabel ma tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-adozzjoni mis-suq u d-domanda għal proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni. Din il-bidla hija riflessa wkoll fil-premessi.

h) **Programmi ta' ħidma** - Artikolu 12 - żdied paragrafu 2(a) ġdid biex fil-programmi ta' ħidma fis-settur tal-enerġija tingħata kunsiderazzjoni aktar ċara lill-proġetti ta' interess komuni u lill-proġetti ta' interess reċiproku li għandhom l-għan li jintegraw aħjar is-suq intern għall-enerġija, itemmu l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jeliminaw il-konġestjonijiet fl-interkonnetturi tal-elettriku. Dan huwa rifless ukoll fil-premessi.

i) Dejjem fl-Artikolu 12, iddaħħal paragrafu 2(b) sabiex il-programmi ta' ħidma jindikaw l-ammonti stmati għall-objettivi speċifiċi dwar l-enerġija, b'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi fil-politika tal-enerġija tal-UE, fost l-oħrajn il-qafas għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Il-premessi 10 u 18 jirriflettu din il-bidla.

13. Hemm ukoll korrezzjonijiet li ġew introdotti fit-test wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-3 ta' Diċembru 2025. Dawn il-korrezzjonijiet ma jbiddlux it-tifsira tat-test. Huma jarmonizzaw it-termini u l-ortografija użati fit-test.

## IV. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

14. Min-naħa tal-PE, il-proposta qed tistenna d-deċiżjoni tal-kumitat. Il-Kumitati għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) huma responsabbli b'mod konġunt għall-proposta. Ir-Rapporteur mill-Kumitat ITRE: Kamila GASIUK-PIHOWICZ (PL, PPE) u r-Rapporteur minn TRAN: Oihane AGIRREGOITIA MARTÍNEZ (ES, Renew) inħatru fit-3 ta' Ottubru 2025. Tliet Kumitati ntalbu jagħtu opinjoni: il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża (SEDE), il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI). Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Baġits (BUDG) iħejji valutazzjoni baġitarja. Il-Parlament huwa mistenni jadotta r-rapport f'nofs l-2026.

15. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni bħalissa qed iħejju opinjonijiet dwar il-proposta leġiżlattiva.

## V. KONKLUŻJONI

16. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta approċċ ġenerali parzjali fuq il-bażi tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.

17. Dan l-approċċ ġenerali parzjali ser iservi bħala l-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

**ANNESS**

2025/0221 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2028-2034, li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1679 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/1153**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

[1] *ĠU L.., p.
[2] *ĠU L.., p.

(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tal-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" ("il-Programm") bil-ħsieb li jitħaffef l-investiment fil-qasam tan-networks trans-Ewropej għat-trasport u għall-enerġija kif ukoll jitwassal finanzjament mis-settur pubbliku u minn dak privat, filwaqt li tiżdied iċ-ċertezza legali u jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għandu wkoll l-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, pereżempju permezz tal-appoġġ tal-proġetti transfruntieri. Jenħtieġ li l-Programm jiffaċilita sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport u tal-enerġija li jridu jiġu sfruttati kemm jista' jkun, sabiex b'hekk tittejjeb l-effettività tal-azzjoni tal-Unjoni u jkunu jistgħu jiġu ottimizzati l-kostijiet tal-implimentazzjoni. [Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għall-Programm. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.]

(2) It-trasport effiċjenti tal-persuni[3] u tal-oġġetti huwa pilastru essenzjali għall-funzjonament tal-Unjoni, jaqdi rwol kruċjali fit-trawwim tal-kompetittività u tat-tkabbir ekonomiku, fl-iżgurar tal-koeżjoni, u fil-ksib tal-objettivi klimatiċi u ambjentali. Il-kapaċità taċ-ċittadini u tal-oġġetti li jiċċaqilqu liberament u b'mod effiċjenti f'suq uniku konness sew u komplut issaħħaħ il-konnettività, tiżgura l-aċċess għall-impjiegi u għas-servizzi, u tappoġġa l-ekonomiji u l-kummerċ lokali. Fl-istess ħin, sistema tat-trasport dekarbonizzata u sostenibbli hija kundizzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni u tiġi indirizzata d-dipendenza strateġika u mhux sostenibbli tal-ekonomija tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili. It-trasport tal-merkanzija effettiv u sigur huwa indispensabbli għall-provvista tal-oġġetti meħtieġa liċ-ċittadini, biex b'hekk l-ekonomija tagħna tkompli għaddejja u tiġi appoġġata s-sigurtà militari tagħna. Ir-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività tal-Ewropa[4], jirrikonoxxi l-importanza li jiżdiedu l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport u jenfasizza l-ħtieġa għal suq tat-trasport multimodali integrat kif ukoll id-domanda qawwija għad-dekarbonizzazzjoni u għal soluzzjonijiet li ma jniġġsux. Ir-rapport ta' Draghi jitlob li tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni fl-Unjoni fis-setturi ekonomiċi ewlenin kollha, fosthom it-trasport. Ir-rapport ta' Letta dwar il-futur tas-suq intern jenfasizza s-settur tat-trasport bħala qasam ewlieni fejn integrazzjoni Ewropea iktar profonda hija essenzjali biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern.

---

3 Inkluż persuni b'mobbiltà mnaqqsa u b'diżabbiltà.
4 Mario Draghi, "A competitiveness strategy for Europe", Settembru 2024, https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en

Ir-rapport ta' Letta jissottolinja b'mod partikolari l-ħtieġa li jitlesta n-network TEN-T u jenfasizza l-opportunitajiet ta' network ferrovjarju pan-Ewropew ta' veloċità għolja biex jirrivoluzzjona l-ivvjaġġar Ewropew u jħaffef l-integrazzjoni tal-Unjoni. Ir-rapport ta' Niinistö dwar il-preparatezza ċivili u militari tal-Ewropa jisħaq fuq l-importanza ta' kurituri tat-trasport b'użu doppju għaċ-ċaqliq u l-ktajjen tal-provvista militari, ir-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-ħtieġa għal rotot tal-provvista marittimi siguri li jintużaw għall-kummerċ barrani tal-Unjoni.

(3) Jenħtieġ li l-Unjoni tiffaċilita proġetti f'reġjuni żvantaġġati, inqas konnessi, rurali, insulari, kostali, periferiċi, konġestjonati, ultraperiferiċi jew iżolati **u fl-Istati Membri, kif ukoll l-Istati Membri gżejjer** sabiex **tnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u** biex tiffaċilita l-aċċess għan-networks trans-Ewropej tal-enerġija u tat-trasport filwaqt li tipprovdi benefiċċji għall-Unjoni kollha f'termini ta' sigurtà, kompetittività u koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] jidentifika l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jispeċifika r-rekwiżiti li jrid jissodisfa u jipprevedi miżuri għall-implimentazzjoni tagħhom. Dak ir-Regolament jipprevedi t-tlestija tan-network ewlieni tan-network trans-Ewropew tat-trasport sal-2030 u tan-network ewlieni estiż sal-2040 permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida kif ukoll permezz tal-immodernizzar u r-riabilitazzjoni sostanzjali tal-infrastruttura eżistenti. Dan ser iwassal għal network bi prestazzjoni għolja għat-trasport tal-passiġġieri u tal-oġġetti.

---

5 Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024)

(4) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1679, jeħtieġ li jiġi appoġġat finanzjarjament l-iżvilupp **ta' proġetti ta' interess komuni** **b'dimensjoni** transfruntiera **permezz ta' infrastruttura ġdida jew aġġornata, inkluż l-eliminazzjoni tal-konnessjonijiet neqsin. Tali dimensjoni transfruntiera hija preżenti fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport, inkluż is-sezzjonijiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni li huma elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Dan l-Anness jinkludi wkoll proġetti addizzjonali dwar in-network komprensiv kif ukoll**[...] il-portijiet **li flimkien mal-**[...] konnessjonijiet tagħhom maż-żoni interni **għandhom dimensjoni transfruntiera. Il-lista indikattiva ta' proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera li tinsab fl-anness hija illustrattiva, mhux preferenzjali u ma tippreġudikax l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2024/1679. Proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera li mhumiex inklużi fl-anness mhumiex esklużi mill-appoġġ fil-qafas ta' dan il-Programm dment li jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Jenħtieġ li l-ispeċifiċità ġeografika ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari l-Istati Membri gżejjer, titqies meta tiġi kkunsidrata d-dimensjoni transfruntiera tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas ta' dan il-Programm.**[...]

**(4a) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp ta' network TEN-T intelliġenti, reżiljenti u sostenibbli. Jenħtieġ li network TEN-T intelliġenti jkun mgħammar b'sistemi interoperabbli u diġitali tal-ġestjoni tat-traffiku, bħall-ERTMS, l-ITS, is-SESAR, il-VTMIS u l-RIS. Jenħtieġ li network TEN-T reżiljenti jkun lest jiffaċċa kuntest klimatiku u ġeopolitiku li qed jinbidel, kif ukoll perikli naturali, theddid ibridu u ċibernetiku, diżastri kkawżati mill-bniedem u tfixkil. Jenħtieġ li network TEN-T sostenibbli jiffaċilita t-trasport dekarbonizzat, pereżempju permezz tal-**użu ta' fjuwils alternattivi**. Barra minn hekk, it-trasport fuq distanzi twal qed ibati minn nuqqas ta' interoperabbiltà u ta' infrastrutturi li jippermettu operazzjonijiet sikuri; jenħtieġ li l-Programm jindirizza wkoll dawn il-kwistjonijiet.**[...]

**(4b)** [...]**<u>M</u>**eta applikabbli, [...]**<u>jenħtieġ li</u>** [...] l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu konsistenti mal-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri mfassla skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2024/1679 u mal-iżvilupp ġenerali tan-network fir-rigward tal-prestazzjoni u l-interoperabbiltà.

(5) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[6] irrikonoxxiet il-mobbiltà militari bħala komponent essenzjali għas-sigurtà u għad-difiża Ewropej u enfasizzat il-valur miżjud għall-Unjoni fl-appoġġ għall-infrastruttura b'użu doppju għall-mobbiltà. Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] inkluda għall-ewwel darba pakkett finanzjarju ddedikat għall-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'użu doppju, ċivili u tad-difiża. Huwa essenzjali li l-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni tiffaċilita l-moviment rapidu u effiċjenti tal-persunal, tal-materjal u tat-tagħmir militari bl-ajru, fuq l-art u fuq l-ilma. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-infrastruttura għall-modalitajiet kollha tat-trasport [...] tiġi mmodernizzata sabiex tissodisfa r-rekwiżiti militari. Jenħtieġ li l-Programm ifittex li jkun hemm komplementarjetà mal-attivitajiet speċifiċi appoġġati fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (anke fir-rigward ta' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)), b'mod partikolari bl-għan li jissaħħaħ l-aċċess tal-Istati Membri għall-kapaċitajiet tal-mobbiltà militari kf ukoll id-disponibbiltà tagħhom, u li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà militari kif ukoll miżuri appoġġati skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

---

6 Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

7 Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj).

(6) Fil-qasam tal-mobbiltà militari, il-Programm għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiffaċilita t-trasport tat-tagħmir u tal-persunal militari madwar l-UE b'veloċità u bi skala, filwaqt li jitqies l-għarfien espert militari fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li l-Programm ikun konsistenti mal-isforzi tal-UE biex iżżid il-prontezza tad-difiża tal-UE kif deskritt fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 **u jirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tal-Istati Membri tal-UE fuq it-territorju nazzjonali tagħhom u l-proċessi nazzjonali tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-mobbiltà militari**. **Jenħtieġ li l-Programm jiffoka fuq l-azzjonijiet relatati mal-erba' Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE identifikati fl-Anness II tar-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha", approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2025 u fi kwalunkwe reviżjoni sussegwenti approvata minn hemm 'il quddiem. Jenħtieġ li dan ma jeskludix il-possibbiltà li jiġu appoġġati azzjonijiet oħra ta' infrastruttura b'użu doppju, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament**.

(7) L-Unjoni żviluppat is-sistemi spazjali tagħha stess għall-Pożizzjonament, għan-Navigazzjoni u għas-Sinkronizzazzjoni (PNT, Positioning, Navigation and Timing) (Galileo, EGNOS u LEO PNT), il-programm ta' osservazzjoni u monitoraġġ tad-dinja (Copernicus, EOGS) u l-konnettività sigura (GOVSATCOM u IRIS2[2]). Dawn kollha joffru servizzi avvanzati li jipprovdu benefiċċji ekonomiċi importanti lill-utenti pubbliċi u privati. Għaldaqstant, jenħtieġ li kull infrastruttura tat-trasport jew tal-enerġija ffinanzjata mill-FNE, li tuża s-servizzi ta' PNT jew ta' osservazzjoni tad-dinja, tkun teknikament kompatibbli ma' dawk is-sistemi. Sabiex tiġi żgurata tali kompatibbiltà, meta jkun rilevanti, il-programm ta' ħidma jista' jiżgura li l-azzjonijiet appoġġati mill-FNE li jinkludu t-teknoloġija tal-PNT, tal-konnettività jew tal-osservazzjoni jkunu teknikament kompatibbli mas-sistemi spazjali tal-UE.

(8) L-Istrateġija PROTECT EU tenfasizza li s-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u tissejjes fuq il-kunsiderazzjoni li s-sigurtà għandha tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE.

(9) L-espansjoni u l-immodernizzar tal-infrastruttura tal-enerġija huma kundizzjoni essenzjali għal Unjoni tal-Enerġija ġenwina kompluta u interkonnessa, li tiżgura s-sigurtà u l-indipendenza tal-enerġija tal-Unjoni, l-affordabbiltà tal-enerġija u l-kompetittività industrijali, filwaqt li jintlaħqu l-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni għall-2030 u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-grilji tal-enerġija huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ġenerazzjoni addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli, inkluż il-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta, biex tingħata spinta lid-dekarbonizzazzjoni industrijali u lill-elettrifikazzjoni, u biex jiġi żgurat suq intern tal-enerġija li jkun kompetittiv**, flessibbli** u li jiffunzjona tajjeb li jforni provvista tal-enerġija sigura u affordabbli**, inkluż billi jiġu konnessi żoni ta' potenzjal għoli ta' ġenerazzjoni tal-enerġija mad-domanda futura.** Ir-rapport ta' Draghi jirrikonoxxi wkoll l-importanza li jiżdiedu l-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija. Ir-rapport ta' Draghi indika b'mod partikolari l-investiment fil-grilji tal-enerġija u l-ħtieġa li tiżdied malajr l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema Ewropea u tiġi dekarbonizzata l-industrija tal-Ewropa. Fil-Patt għal Industrija Nadifa[8] u fil-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli[9], il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol kruċjali tat-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija billi jsir investiment fl-infrastruttura tal-enerġija u fil-grilji transfruntieri **u li dawn jitwasslu** għas-salvagwardja tal-kompetittività tal-industrija Ewropea u għall-prosperità tan-nies kif ukoll għall-affordabbiltà u għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli jindika li jenħtieġ li kull persuna, komunità u negozju jibbenefikaw mit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Skont ir-Rapport ta' Monitoraġġ dwar l-infrastruttura tal-elettriku[10] tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, il-ħtiġijiet tal-kapaċità transfruntiera ser jammontaw għal 66 GW sal-2030, li minnhom 32 GW s'issa għadhom ma ġewx indirizzati. L-appoġġ tal-Programm għall-proġetti transfruntieri ser ikollu rwol importanti fl-indirizzar ta' din id-diskrepanza.

---

8 COM/2025/85 final

9 COM/2025/79 final

10 ACER: Electricity infrastructure development to support a competitive and sustainable energy system (L-iżvilupp ta' infrastruttura tal-elettriku b'appoġġ għal sistema tal-enerġija kompetittiva u sostenibbli), Rapport ta' Monitoraġġ tal-2024, https://www.acer.europa.eu/sites/default/files/documents/Publications/ACER_2024_Monitoring_Electricity_Infrastructure.pdf.

(10) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-interkonnessjonijiet transfruntieri tal-enerġija, inkluż proġetti kumplessi bħall-interkonnetturi ibridi, fosthom dawk meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' 15 % għall-2030 stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]. **Fil-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, il-Kummissjoni enfasizzat li l-elettrifikazzjoni ambizzjuża tas-sistema tal-enerġija u l-espansjoni tas-sorsi ta' ġenerazzjoni nadifa ser iżidu l-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-enerġija kollu kemm hu, jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali, tal-mobbiltà u,** ***flimkien ma' soluzzjonijiet oħra,*** **tat-tisħin u t-tkessiħ u jappoġġaw l-adozzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija nadifa u domestika u ħabbret it-tnedija ta' Pjan ta' Azzjoni għall-elettrifikazzjoni fl-2026.**

(11) Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea. Jipprevedi l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni u ta' proġetti ta' interess reċiproku u jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ta' dawn il-proġetti għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni. Madankollu, minħabba n-natura transfruntiera tagħhom, il-proġetti ta' interess komuni u l-proġetti ta' interess reċiproku mhux biss joħolqu esternalitajiet pożittivi sinifikanti u jrawmu s-solidarjetà, iżda jinvolvu wkoll sfidi speċifiċi għall-promoturi tal-proġetti, minħabba n-natura multiġuriżdizzjonali tagħhom, l-isfidi ta' koordinazzjoni u d-distribuzzjoni spiss asimetrika tal-kostijiet u tal-benefiċċji **fost il-pajjiżi ospitanti u lil hin minnhom**.

---

11 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

12 Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/869/oj).

Għalhekk, dawn jeħtieġu appoġġ fil-livell tal-Unjoni **u jenħtieġ li jkunu l-fokus partikolari skont l-objettivi tal-enerġija ta' dan il-Programm, f'konformità mad-distribuzzjoni tal-fondi indikata tar-Regolament (UE) 2021/1153. Kif kien il-każ għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta regolarment l-użu tal-fondi taħt l-objettivi tal-enerġija ta' dan il-Programm biex tiżgura tqassim adegwat f'konformità mad-domanda tas-suq u l-ħtieġa li titlesta l-Unjoni tal-Enerġija.**

(12) Fil-qasam tal-enerġija, il-Programm għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni u ta' proġetti ta' interess reċiproku, bil-ħsieb li jippromwovi l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-networks tal-enerġija minn naħa għall-oħra tal-fruntieri. Barra minn hekk, il-Programm għandu l-għan li jiffaċilita d-dekarbonizzazzjoni, **inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jelimina l-konġestjonijiet fl-interkonnessjoni,** jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u jiżgura s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija inkluż il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll il-faċilitajiet tal-ħżin li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà tar-Regolament (UE) 2022/869. **Jenħtieġ li l-ispeċifiċità ġeografika ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari l-Istati Membri gżejjer, titqies meta tiġi kkunsidrata d-dimensjoni transfruntiera tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas ta' dan il-Programm, *kif ukoll meta jkunu qed jiġu vvalutati l-iżolament, il-vulnerabbiltajiet u s-sigurtà tal-provvista fil-qasam tal-enerġija.*** Meta dan isir, jenħtieġ li jitqiesu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati kollha li hemm ċans jiġu affettwati **u jenħtieġ li titwettaq analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-proġetti**.

(13) Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' dekarbonizzazzjoni, kompetittività, tlestija tas-suq intern tal-enerġija u sigurtà tal-provvista b'mod kosteffiċjenti u sostenibbli. Il-Programm għandu l-għan li jindirizza r-riskju li l-kooperazzjoni transfruntiera tibqa' f'livell subottimali fl-assenza ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

(14) Jenħtieġ li l-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jipprovdu ffrankar tal-kostijiet għall-użu **u l-integrazzjoni** tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni jew benefiċċji oħra għad-**dekarbonizzazzjoni,** l-integrazzjoni tas-sistema**, il-ħżin u l-flessibbiltà tas-sistem**a, is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività jew l-innovazzjoni[...]. Meta tagħżel il-proġetti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra b'mod partikolari l-kontribut tagħhom għall-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni u tagħmel ħilitha biex, meta jkun possibbli, tqis il-bilanċ ġeografiku. **Jenħtieġ li l-arranġamenti għal proġetti ta' ħżin transfruntier fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli ma jkunux limitati għal Stati Membri kontigwi u t-twassil fiżiku ta' enerġija jew servizzi ta' flessibbiltà.** F'każ ta' għotjiet għal xogħlijiet, jenħtieġ li l-applikant juri l-ħtieġa li jingħelbu l-fallimenti tas-suq jew l-ostakli finanzjarji bħall-vijabbiltà kummerċjali insuffiċjenti, kostijiet bil-quddiem għoljin jew in-nuqqas ta' finanzjament tas-suq.

(15) Jenħtieġ li l-Programm jiffaċilita trasferiment ta' fondi għall-mekkaniżmu ***ta' finanzjament*** tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1999[13], sabiex jiġi żgurat kontribut għall-qafas abilitanti stipulat fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] **, inkluż assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu *ta' finanzjament* tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni.** Dan it-trasferiment jista' jikkonċerna wkoll proġetti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Meta jkun rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tipprijoritizza tali appoġġ finanzjarju għal proġetti li jtejbu l-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni, inkluż proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

---

13 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

14 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

**Jekk il-fondi trasferiti għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni *ġew* allokati bis-sħiħ sal-1 ta' Jannar 2031, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi wkoll 5 % addizzjonali tal-baġit li jifdal ta' dan il-Programm previst għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt b, abbażi ta' evalwazzjoni bir-reqqa tal-adozzjoni mis-suq ta' proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u tad-domanda għalihom, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' finanzjament disponibbli meħtieġ biex jiġi appoġġat, bħala objettiv ċentrali, l-iżvilupp *ta'* proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku f'konformità mal-*objettivi* tal-Programm fl-Artikolu 3(2), il-punt b.**

(16) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji bejn l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fit-trasport u fl-enerġija u proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli b'impatt transfruntier qawwi appoġġati mill-FNE, u proġetti tat-trasport u tal-enerġija fl-ambitu tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Is-sinerġiji jistgħu jimplikaw ukoll appoġġ għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) li jiffokaw fuq l-infrastruttura transfruntiera fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija.

**(16a) L-espansjoni, it-tisħiħ u d-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-grilja interna huma ċentrali biex jiġi żgurat użu adegwat u affidabbli tal-kapaċità ta' interkonnessjoni transfruntiera, jiġu indirizzati l-konġestjonijiet fl-infrastruttura bħall-konġestjonijiet strutturali fil-grilji tal-enerġija nazzjonali, tiġi appoġġata aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u t-tlestija tal-kurituri tal-enerġija, li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għat-twettiq tal-Unjoni tal-Enerġija u prezzijiet tal-enerġija affordabbli u l-appoġġ għall-kompetittività tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/869, il-proġetti ta' infrastruttura nazzjonali b'impatt transfruntier sinifikanti jistgħu jiġu kklassifikati bħala Proġett ta' Interess Komuni jew Proġett ta' Interess Reċiproku, biex jappoġġaw u jiffaċilitaw b'mod effettiv l-interkonnettività transfruntiera, mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.**

**(16b) Il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tat-trasport u tal-enerġija hija kwistjoni ta' urġenza biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-kontinwazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. B'rispons għat-theddid emerġenti, il-miżuri għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija jvarjaw fl-ambitu, fin-natura u fl-urġenza. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ is-sovranità tal-Istati Membri tal-UE fuq l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tagħhom, il-miżuri protettivi, inkluż dawk relatati maċ-ċibersigurtà,** biex jiġu żgurati r-reżiljenza u r-robustezza **fl-iżvilupp u t-titjib tal-proġetti huma ta' rilevanza partikolari għal proġetti ta' infrastruttura transfruntieri fl-Unjoni u jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'rabta mal-iżvilupp ta' Proġetti ta' Interess Komuni u Proġetti ta' Interess Reċiproku.**

(17) Jenħtieġ li l-Programm ifittex ukoll li jkun hemm koerenza mal-azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas tal-Ewropa Globali. Huwa importanti li n-networks trans-Ewropej għat-trasport u għall-enerġija jkunu konnessi sew ma' pajjiżi terzi. L-oqfsa ta' politika rispettivi jidentifikaw proġetti ta' interess komuni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, jew proġetti ta' interess reċiproku, li huma l-prijorità għall-konnessjonijiet tat-trasport u tal-enerġija minn u lejn dawn il-pajjiżi terzi. Għal dawn il-proġetti, l-appoġġ ipprovdut fil-qafas tal-Programm jenħtieġ li jiġi kkoordinat mill-qrib mal-appoġġ ipprovdut fil-qafas tal-Ewropa Globali. Fil-qasam tat-trasport, jenħtieġ li s-sezzjonijiet transfruntieri **ma' pajjiżi terzi** elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jingħataw prijorità **biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tat-TEN-T indikattiv kif stipulat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1679**.

(18) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-Unjoni iktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-FNE, jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif jixraq il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li tiġi żgurata prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit. **Fl-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi għall-enerġija tal-FNE permezz tal-programmi ta' ħidma, jenħtieġ li jiġu indikati l-ammonti stmati għall-objettivi speċifiċi dwar l-enerġija.**

(19) [Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji fil-qafas tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK u tal-mekkaniżmi eżekuttivi tal-Ewropa Globalipermezz ta' ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ fil-qafas tal-Istrument InvestEU tal-FEK u tal-mekkaniżmi eżekuttivi tal-Ewropa Globali.]

(20) [Meta l-appoġġ mill-Unjoni fil-qafas tal-Programm ikun irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, tali appoġġ jeħtieġ li jingħata esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK u l-mekkaniżmi eżekuttivi tal-Ewropa Globalif'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument ta' Investiment tal-FEK u l-mekkaniżmi eżekuttivi tal-Ewropa Globali.] Fil-każ tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK li jeżegwixxi l-objettivi ta' dan il-Programm, jenħtieġ li l-appoġġ konsultattiv ikun disponibbli għall-Istati Membri kollha fuq talba tagħhom. Tali appoġġ jista' jkopri t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-appoġġ għall-identifikazzjoni tal-proġett, it-tħejjija u l-implimentazzjoni, kif ukoll pariri dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjattaformi ta' investiment.

(21) Jenħtieġ li l-Programm jottimizza l-użu tal-finanzjament disponibbli permezz ta' monitoraġġ mill-qrib tal-finanzjament disponibbli u permezz tal-applikazzjoni, meta jkun xieraq, tat-tnaqqis jew tat-terminazzjoni tal-għotjiet. Jenħtieġ li dan jippermetti r-riallokazzjoni tal-baġit iddedikat għal azzjoni li jibqa' ma jintefaqx matul il-perjodu ta' żmien iddeżinjat tagħha għal azzjonijiet oħra fl-ambitu ta' dan il-Programm.

(22) Minħabba d-daqs tax-xogħlijiet meħtieġa, jista' jiġri li għall-implimentazzjoni ta' sezzjoni transfruntiera, diversi attivitajiet jitwettqu b'mod parallel u jiġu appoġġati permezz ta' ftehimiet ta' għotjiet differenti iżda jikkontribwixxu għall-istess objettiv, u dan jissejjaħ il-"proġett globali". Sabiex jikkontribwixxi għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni u jiżgura li l-objettivi importanti tal-infrastruttura jkunu jistgħu jintlaħqu bis-sħiħ, jenħtieġ li l-Programm jipprevedi r-ridirezzjonar tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-istess proġett globali. Mingħajr preġudizzju għall-użu ta' proċeduri kompetittivi f'konformità mal-Artikolu 192(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 198 ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li tali ridirezzjonar tal-fondi jingħata permezz ta' emendi tal-azzjonijiet oriġinali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-programm ta' ħidma, inkluż il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni.

(23) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

---

[15] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

(24) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-programmi ta' ħidma u d-dokumenti tas-sejħiet huma fejn għandhom jiġu stipulati iktar dettalji tekniċi dwar l-implimentazzjoni tal-baġit fis-sett kollu ta' politiki appoġġati mill-Programm, inkluż [...] kriterji **aktar dettaljati** għall-eliġibbiltà u għall-aġġudikazzjoni skont l-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit, kemm jekk għotja kif ukoll jekk akkwist, u l-objettivi speċifiċi [...] tal-Programm li jridu jintlaħqu**, inkluż billi jitqiesu l-iżviluppi tal-politika tal-enerġija għall-2030, l-2040 u lejn l-2050**. **Tali kriterji għall-aġġudikazzjoni jistgħu jqisu pereżempju l-prijorità u l-urġenza, il-kwalità tal-applikazzjoni, l-impatt, il-maturità, kif ukoll l-effett katalitiku tal-azzjoni, sabiex jiġi vvalutat il-proġett.** F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għall-fornituri ta' riskju għoli, għal raġunijiet ta' sigurtà. **Dan jenħtieġ li jitqies b'mod partikolari għall-azzjonijiet ta' mobbiltà militari.**

(25) Jenħtieġ li l-appoġġ ipprovdut mill-Programm jixpruna l-investiment billi jindirizza il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat li jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni u bl-inċentivar tal-finanzjament privat, u jenħtieġ li jkollu valur miżjud ċar għall-UE. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE għar-riżorsi nazzjonali, dan l-approċċ ser jiżgura konsistenza bejn l-azzjonijiet fil-qafas tal-Programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern. **Bl-istess mod, jenħtieġ li kombinazzjonijiet ma' skemi ta' appoġġ bħal kuntratti għad-differenza ("CfDs") ikunu possibbli jekk tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.** Barra minn hekk, il-miżuri tal-FNE u tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti[16] jistgħu jappoġġaw lil xulxin, peress li l-finanzjament pubbliku jista' jkun effettiv biex ineħħi r-riskju ta' proġetti infrastrutturali kbar u biex jattira investimenti privati fl-UE, u b'hekk joħloq effett ta' ingranaġġ sinifikanti. **Pereżempju, jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għal proġetti ta' sħubija pubblika-privata.** Fl-istess ħin, id-disponibbiltà dejjem tikber ta' veikoli ta' investiment kollettiv effiċjenti, bħall-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ELTIFs, European Long-term Investment Funds), tista' tħaffef b'mod effiċjenti l-investimenti fuq terminu twil minn investituri istituzzjonali u privati oħra favur proġetti infrastrutturali, u b'hekk tikkomplementa u tamplifika l-finanzjament disponibbli mill-FNE.

(26) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Programm permezz ta' programmi ta' ħidma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[17].

16 COM/2025/124 final

17 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18.

(27) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[19], (Euratom, KE) Nru 2185/96[20] u (UE) 2017/1939[21], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, meta jkun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22].

---

18 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj)

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1). ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p. 2). ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

21 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1). ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

22 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm iridu jagħtu d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.

(28) **[**Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.**]**

(29) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[23], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u f'territorji ekstra-Ewropej (OCTs) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkun marbut l-OCT rilevanti.

(30) Jenħtieġ li l-Programm jirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u b'mod partikolari, jiżgura l-aċċessibbiltà għalihom b'mod partikolari fis-settur tat-trasport.

---

[23] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj).

(31) Jenħtieġ li l-Programm ikun miftuħ għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni. Għal dan l-għan, l-Unjoni tista' tassoċja, kompletament jew parzjalment, pajjiżi terzi mal-attivitajiet kostitwenti tal-Programm. **Huwa possibbli li jiġu appoġġati proġetti li jinvolvu entitajiet minn pajjiżi terzi, soġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati u kull meta dan ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. L-assoċjazzjoni tista' tagħti aċċess ulterjuri għall-programm pereżempju fir-rigward ta' eliġibbiltà jew il-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz assoċjat bħala osservatur fil-proċedura tal-kumitat.** Jenħtieġ li l-assoċjazzjoni tkun soġġetta għal bilanċ ġust tal-kontribuzzjoni u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u tas-sigurtà tal-Unjoni. **Jenħtieġ li tiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwi fit-trasport marittimu billi tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'konformità mal-Premessa 41 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1679. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli tiġi stabbilita fil-qafas stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/2001, kull meta jkun applikabbli.**

(32) Sabiex jitqies kif xieraq l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tal-lista indikattiva ta' proġetti ta' interess komuni fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[24]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

[24] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

(33) L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet għal infrastruttura b'użu doppju. Fuq dik il-bażi, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328[25]. Wara r-reviżjoni tal-qafas legali bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1679 u sabiex tiġi żgurata l-kapaċità li r-rekwiżiti tal-infrastruttura jiġu aġġornati iktar b'mod indipendenti mid-durata limitata ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa f'dak l-att li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet għal infrastruttura b'użu doppju tiġi stabbilita f'dak ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1679 jiġi emendat kif xieraq sabiex jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni għal dak il-fini.

(34) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1153 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Suġġett***

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (il-"Programm") u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu [għall-perjodu 2028-2034], il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli biex jingħata dan il-finanzjament.

---

25 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328 tal-10 ta' Awwissu 2021 li jispeċifika r-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet ta' infrastruttura b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 288, 11.8.2021, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1328/oj).

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "azzjoni" tfisser kwalunkwe attività li ġiet identifikata bħala finanzjarjament u teknikament indipendenti, li għandha qafas ta' żmien stabbilit, u li hija neċessarja għall-implimentazzjoni ta' proġett;

**1a. "benefiċjarju" tfisser entità b'personalità ġuridika li magħha ġie ffirmat ftehim ta' għotja;**

2. "network trans-Ewropew tat-trasport" tfisser in-network trans-Ewropew tat-trasport imsemmi fir-Regolament (UE) 2024/1679;

3. "proġett ta' interess komuni" tfisser proġett ta' interess komuni kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2024/1679 jew fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2022/869;

4. "network trans-Ewropew tat-trasport sostenibbli" tfisser network trans-Ewropew tat-trasport li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 **dwar network effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti u l-protezzjoni ambjentali** u l-**Artikolu** 45 **dwar teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni** tar-Regolament (UE) 2024/1679;

5. "network trans-Ewropew tat-trasport intelliġenti" tfisser network trans-Ewropew tat-trasport li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 43 **dwar sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għat-trasport** u l-**Artikolu** 45 **dwar teknoloġiji ġodda u innovazzjoni** tar-Regolament (UE) 2024/1679**;**

6. "network trans-Ewropew tat-trasport reżiljenti" tfisser network trans-Ewropew tat-trasport li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti **fl-Artikolu 5 dwar network effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti u l-protezzjoni ambjentali u** l-Artikolu 46 **dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura** tar-Regolament (UE) 2024/1679;

7. "mobbiltà militari" tfisser l-abbiltà tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li **jirċievu,** jittrasportaw, iċaqilqu, [...]jiskjeraw **u jappoġġaw** b'mod rapidu u effettiv persunal, tagħmir u provvisti militari fil-fruntieri tal-Istati Membri u bejniethom, filwaqt li jiżguraw rispons f'waqtu u effettiv [...] tal-Forzi Armati;

**7a. "infrastruttura tat-trasport b'użu doppju" tfisser infrastruttura tan-network tat-trasport li tindirizza kemm il-mobbiltà ċivili kif ukoll dik militari;**

8. "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija ta' implimentazzjoni ta' proġett, bħal studji tat-tħejjija, tal-immappjar, tal-fattibbiltà, tal-evalwazzjoni, tal-ittestjar u tal-validazzjoni, inkluż fil-forma ta' software, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, li tinkludi azzjoni bil-quddiem sabiex jiġi ddefinit u żviluppat proġett u tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħar-rikonjizzjoni tas-siti kkonċernati u t-tħejjija tal-pakkett finanzjarju;

9. "xogħlijiet" tfisser ix-xiri, il-provvista u l-introduzzjoni ta' komponenti, sistemi u servizzi inkluż is-software, it-twettiq tal-attivitajiet tal-iżvilupp**, l-aġġornament** u l-kostruzzjoni u tal-installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni tal-installazzjonijiet u l-varar ta' proġett;

**9a. "proġett globali" tfisser proġett fuq skala kbira b'dimensjoni transfruntiera li jinqasam f'diversi azzjonijiet u li jibbenefika minn diversi ftehimiet ta' għotja;**

10. "proġett ta' interess reċiproku" tfisser proġett ta' interess reċiproku kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE) 2022/869;

11. "proġett transfruntier fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) proġett għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli **u meta applikabbli l-konnessjoni tagħha mal-grilja tad-distribuzzjoni jew tat-trażmissjoni, dment li tifforma parti integrali mill-proġett, tippermetti b'mod effettiv l-integrazzjoni ta' faċilità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tkun anċillari għaliha,** li jkun inkluż fi ftehim ta' kooperazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 8, 9, 11 jew 13 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(b) proġett tal-ħżin **u meta applikabbli l-konnessjoni tiegħu mal-grilja tad-distribuzzjoni jew tat-trażmissjoni, dment li jifforma parti integrali mill-proġett, jippermetti b'mod effettiv l-integrazzjoni ta' faċilità tal-ħżin u huwa anċillari għaliha,** inkluż il-ħżin tal-enerġija b'kolokazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (44d), tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jappoġġa l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, ħlief għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija skont it-tifsira tal-Anness II, il-punt (1)(c), tar-Regolament (UE) 2022/869 u li jkun inkluż f'arranġament simili bejn żewġ Stati Membri jew iktar, jew bejn Stat Membru wieħed jew iktar u pajjiż terz wieħed jew iktar.

*Artikolu 3*

***Objettivi tal-Programm***

1. L-objettivi ġenerali tal-Programm huma l-kostruzzjoni, l-iżvilupp, l-iżgurar, l-immodernizzar u t-tlestija tan-networks trans-Ewropej fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija, bl-intenzjoni li jiġi appoġġat suq uniku **dekarbonizzat,** li jiffunzjona**, kompetittiv u integrat** u li titrawwem il-koeżjoni; l-iffaċilitar tal-mobbiltà militari fin-networks trans-Ewropej tat-trasport; l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli; u l-iffaċilitar ta' sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport u tal-enerġija.

2. Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) fis-settur tat-trasport:

(i) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni relatati ma' networks tat-trasport **effiċjenti, bla xkiel,** interkonnessi, interoperabbli, dekarbonizzati, intelliġenti, sikuri, sostenibbli, reżiljenti, siguri u multimodali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1679, b'mod partikolari permezz ta':

(1) azzjonijiet relatati mal-proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera li jimplimentaw in-network trans-Ewropew tat-trasport, inkluż azzjonijiet **dwar il-Kurituri Ewropej tat-Trasport, bħal azzjonijiet** dwar is-sezzjonijiet indikattivi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) azzjonijiet relatati mal-proġetti ta' interess komuni [...]relatati mat-tlestija ta' network trans-Ewropew tat-trasport intelliġenti, reżiljenti**, sikur, interoperabbli,** dekarbonizzat u sostenibbli;

(3) azzjonijiet relatati mal-proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera ma' pajjiżi terzi li jimplimentaw in-network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1679;

(ii) li jadatta partijiet min-network trans-Ewropew tat-trasport għall-użu doppju tal-infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li tittejjeb il-mobbiltà kemm ċivili kif ukoll militari, **f'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2024/1679,** b'enfasi fuq l-erba' Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE identifikati [...]fl-Anness II tar-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-**UE** u lil hinn minnha**"**[...], [...]approvati mill-Kunsill fis-1**7** [...]ta' Marzu 2025 u **fi kwalunkwe reviżjoni sussegwenti approvata minn hemm 'il quddiem**[...];

(b) fis-settur tal-enerġija,

(i) li jikkontribwixxi **bħala objettiv ġenerali** għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku kif stipulat fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/869, bil-ħsieb li jiġu promossi t-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija, l-integrazzjoni ta' suq intern tal-enerġija effiċjenti u kompetittiv, u l-interoperabbiltà tan-networks bejn il-fruntieri u s-setturi, l-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, **it-tmiem tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija u l-eliminazzjoni tal-konġestjonijiet fl-interkonnessjoni,** il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u **l-protezzjoni u** r-reżiljenza **tal-infrastruttura tal-enerġija, u l-iżgurar tas-**sigurtà [...] tal-provvista;

(ii) li jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-***qasam tal-enerġija***[...], ***primarjament*** permezz tal-appoġġ ta' proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jew permezz ta' offerti kompetittivi għal proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli **u tal-ħżin** fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit permezz tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1999, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(5) ta' dan ir-Regolament, bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' dekarbonizzazzjoni, kompetittività, tlestija tas-suq intern tal-enerġija, ir-reżiljenza u sigurtà tal-provvista b'mod kosteffiċjenti.

[*Artikolu 4*

***Baġit***

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR 81 428 000 000 fi prezzijiet attwali.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqassam indikattivament kif ġej:

(a) EUR 51 515 000 000 għall-objettivi speċifiċi rigward it-trasport u l-mobbiltà militari msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

(b) EUR 29 912 000 000 għall-objettivi speċifiċi rigward l-enerġija msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b).

3. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal iktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti annwali.

4. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

5. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm u tal-linji gwida speċifiċi għas-setturi fir-Regolament (UE) 2024/1679 jew fir-Regolament (UE) 2022/869, bħal attivitajiet tat-tħejjija, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditi u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.]

*Artikolu 5*

***Riżorsi addizzjonali***

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm, mingħajr preġudikazzjoni għall-Artikoli 107 u 108 TFUE. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew iktar jew is-suċċessuri tagħhom.

*Artikolu 6*

***Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'koordinazzjoni ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anke azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni fil-qafas tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha fil-qafas tal-Programm u jista' jiġi konkluż impenn legali uniku. Jekk il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq il-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni fil-qafas tal-Programm jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-aġenziji tal-Unjoni, mal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew ma' partijiet terzi oħra ("sħab tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta"), dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak il-fini, is-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jagħmlu riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, meta jkun applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni konġunta, ir-rappreżentanti tas-sħab għall-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, EURATOM) 2024/2509.

*Artikolu 7*

***Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm***

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli:

   (a) għall-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej;

   (b) għall-pajjiżi aderenti, għall-pajjiżi kandidati u għall-kandidati potenzjali;

   (c) għall-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

   (d) għal pajjiżi terzi oħra.

2. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programm:

(a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programm;

(b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, għal programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

(c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Programm;

(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;

(e) għandhom, meta jkun rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u għandu jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

*Artikolu 8*

***Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

2. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.

3. [Meta l-appoġġ mill-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jingħata esklużivament permezz tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK jew il-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali u għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK u l-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali permezz ta' ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ fil-qafas tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK jew il-mekkaniżmi eżekuttivi tal-Ewropa Globali.]

4. [L-appoġġ mill-Unjoni fil-forma ta' garanzija baġitarja għandu jingħata fi ħdan l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja stabbilit mir-Regolament dwar l-FEK jew dak dwar l-Ewropa Globali.]

5. [Meta l-Programm juża l-Istrument tal-InvestEU tal-FEK jew il-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali, dan għandu jagħti l-proviżjonament għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġi kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.]

*Artikolu 9*

***Eliġibbiltà***

1. […]

2. Fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta jew indiretta, entità ġuridika waħda jew iktar milli ġejjin jaf tkun/ikunu eliġibbli biex tirċievi/u appoġġ mill-Unjoni:

   (a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru**, inkluż impriżi konġunti u veikoli bi skop speċjali**;

   (b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;

(c) **<u>eċċezzjonalment, meta l-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3:</u>**

**<u>(i)</u>** organizzazzjonijiet internazzjonali;

([…]**<u>ii</u>**) entitajiet oħra stabbiliti f'[...]terzi mhux assoċjati.

3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, meta jkun rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.

4. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà għandhom japplikaw għall-fornituri ta' riskju għoli, skont id-dritt tal-UE, għal raġunijiet ta' sigurtà.**<u> Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-azzjonijiet ta' mobbiltà militari.</u>**[26]

5. Rigward l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a)**<u>(i)</u>**, ta' dan ir-Regolament, il-valutazzjoni tal-proposti skont il-kriterji għall-aġġudikazzjoni għandha tiżgura, meta jkun applikabbli, li l-azzjonijiet proposti jkunu konsistenti mal-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri u mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) 2024/1679, u li jqisu l-opinjoni konsultattiva tal-Koordinatur Ewropew responsabbli skont l-Artikolu 52(9) ta' dak ir-Regolament.

---

<u>26</u> **<u>Tista' tkun meħtieġa aktar riflessjoni dwar ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà li jikkonċernaw il-mobbiltà militari sakemm joħroġ l-eżitu tad-diskussjonijiet orizzontali tal-QFP.</u>**

6. Il-proposti tal-għoti għandhom jiġu ppreżentati minn Stat Membru wieħed jew iktar jew bl-approvazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati mill-proġett[...].

7. […]

8. [...]**Il-**programmi ta' ħidma msemmija fl-**Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u** fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 [...] **għandhom jistipulaw:**

**a) riżultati mistennija;**

**b) azzjonijiet appoġġati, inkluż studji u xogħlijiet;**

**c) skeda taż-żmien indikattiva;**

**d) ammonti indikattivi disponibbli;**

**e) forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni;**

**f) rati ta' kofinanzjament;**

**g)** [...] **meta applikabbli,** kriterji ta' eliġibbiltà **aktar dettaljati** għal azzjonijiet speċifiċi **biex tiġi żgurata l-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll restrizzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.**

***Artikolu 9a***

***Kriterji għall-aġġudikazzjoni***

**Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu kriterji trasparenti għall-għażla u għall-aġġudikazzjoni, li jistgħu jiġu spjegati aktar fid-dettall fid-dokumenti relatati mal-proċedura tal-aġġudikazzjoni. Tali kriterji għall-aġġudikazzjoni jistgħu jqisu l-prijorità u l-urġenza, il-kwalità tal-applikazzjoni, l-impatt, il-maturità, kif ukoll l-effett katalitiku tal-azzjoni, sabiex jiġi vvalutat il-proġett.**

*Artikolu 10*

***Regoli komplementari għall-għotjiet***

1. Minbarra r-raġunijiet għat-tnaqqis stipulati fl-Artikolu 132(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-ammont tal-għotja jista' jitnaqqas skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) għall-istudji, meta l-azzjoni ma tkunx inbdiet fi żmien sena wara d-data tal-bidu indikata fil-ftehim ta' għotja;

   (b) għax-xogħlijiet, meta l-azzjoni ma tkunx bdiet fi żmien sentejn wara d-data tal-bidu indikata fil-ftehim ta' għotja;

   (c) wara rieżami tal-progress tal-azzjoni, jiġi stabbilit li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-azzjoni tant kien serju li l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx li ma jinkisbux;

2. Il-ftehim ta' għotja jista' jiġi emendat jew itterminat abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

   **Qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni rigward it-tnaqqis jew it-terminazzjoni ta' għotja, il-każ għandu jkun eżaminat b'mod komprensiv u l-benefiċjarji kkonċernati għandhom jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien raġonevoli.**

3. L-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 jew 2 għandhom ikunu disponibbli fil-qafas ta' dan il-Programm.

4. Mingħajr preġudizzju għall-użu ta' proċeduri kompetittivi kull meta jkun xieraq f'konformità mal-Artikolu 192(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 flimkien mal-Artikolu 198 ta' dak ir-Regolament, il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, meta jkun debitament ġustifikat b'referenza għall-ħtieġa li tiġi ffaċilitata t-tlestija ta' proġett globali, jista' jispeċifika azzjoni u l-benefiċjarji, u jista' jistabbilixxi ammont sa fejn jistgħu jiġu mistiedna proposti għal estensjoni ta' azzjonijiet li jkunu għaddejjin jew li jkunu tlestew fil-qafas tal-Programm, filwaqt li jiġu żgurati t-trattament ugwali u t-trasparenza skont l-Artikolu 191 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-aġġudikazzjoni għal azzjonijiet li jkunu għaddejjin tista' tieħu l-forma ta' emenda għall-azzjoni oriġinali billi jiżdiedu attivitajiet ġodda u tiżdied il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni **<u>li għandha tintuża mill-benefiċjarji ta' dan il-ftehim ta' għotja oriġinali għat-tlestija tal-proġett globali</u>**. L-approprjazzjonijiet ta' impenn imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jintużaw biex ikopru l-ammonti riżervati fil-programm ta' ħidma għal tali aġġudikazzjonijiet.

5. [Għall-istudji, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni ma għandux jaqbeż 50 % tal-kostijiet totali eliġibbli.]

6. [Għal xogħlijiet relatati mal-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni ma għandux jaqbeż 50 % tal-kost totali eliġibbli. Ir-rata ta' kofinanzjament għal azzjonijiet li jseħħu fi Stati Membri b'ING per capita ta' inqas minn 90 % tal-ING tal-Unjoni, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni ma għandux jaqbeż 75 % tal-kost totali eliġibbli.]

7. [Għal xogħlijiet relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), għandu japplika dan li ġej:

   (a) l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni ma għandux jaqbeż 50 % tal-kost totali eliġibbli;

(b) ir-rati ta' kofinanzjament imsemmija fil-punt (a) jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 75 % tal-kost totali eliġibbli għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni li, abbażi tal-evidenza msemmija fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2022/869, jagħtu livell għoli ta' sigurtà tal-provvista fuq livell reġjonali jew fl-Unjoni kollha, isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew joffru soluzzjonijiet ferm innovattivi.]

8. [F'kull wieħed mis-setturi tat-trasport u tal-enerġija, fir-rigward ta' xogħlijiet imwettqa fir-reġjuni ultraperiferiċi, għandha tapplika rata massima speċifika ta' kofinanzjament ta' 60 %.]

9. L-appoġġ ipprovdut mill-Programm għandu jaċċellera jew jixpruna l-investimenti billi jindirizza il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, li jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u bl-inċentivar tal-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud għall-UE.

*Artikolu 11*

***Proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli***

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq, mill-inqas darba fis-sena, [...] **sejħa għall-finanzjament għal** proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, abbażi tal-kriterji u l-proċedura stipulati f'dan l-Artikolu, fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u fil-programm ta' ħidma relatat imsemmi fl-Artikolu 12.

2. Jenħtieġ li l-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jipprovdu ffrankar tal-kostijiet għall-użu tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni jew benefiċċji oħra għad-**dekarbonizzazzjoni,** l-integrazzjoni tas-sistema, **il-flessibbiltà tas-sistema, il-ħżin,** is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività jew l-innovazzjoni, meta mqabbla ma' proġett simili implimentat minn wieħed mill-Istati Membri parteċipanti jew minn pajjiż terz waħdu.

3. F'każ ta' għotjiet għal xogħlijiet, jenħtieġ li l-applikant juri l-ħtieġa li jingħelbu l-fallimenti tas-suq jew l-ostakli finanzjarji bħall-vijabbiltà kummerċjali insuffiċjenti, kostijiet bil-quddiem għoljin jew in-nuqqas ta' finanzjament tas-suq.

4. Sa (jum xahar sena) (jew 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 14 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-kriterji u l-proċedura speċifiċi għall-għażla ta' proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli**, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji speċifiċi potenzjali għall-kisba tal-objettivi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)(i) u (ii), meta l-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jkunu marbuta b'mod integrali mal-espansjoni tan-networks transfruntieri tal-enerġija**.

5. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li talloka l-baġit tal-Programm previst għall-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli lill-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit bl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1999 meta tkun tista' tilħaq l-objettiv**i** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)(ii) tar-Regolament, u meta tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kostijiet tal-kapital għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli **jew għall-integrazzjoni kosteffettiva tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija f'konformità mal-finijiet tal-qafas ta' abilitazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(5)(a) u (b) tad-Direttiva (UE) 2018/2001**. Il-kontribuzzjoni totali magħmula għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 ma għandhiex taqbeż 5 % tal-baġit ta' dan il-Programm previst għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b).

**5a. Jekk il-kontribuzzjoni ta' 5 % magħmula għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni tkun ġiet allokata kompletament sal-1 ta' Jannar 2031, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-adozzjoni mis-suq u d-domanda għall-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni u tista' tiddeċiedi li talloka kontribuzzjoni ulterjuri li ma taqbiżx 5 % tal-baġit li jifdal ta' dan il-Programm previst għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt b.**

*Artikolu 12*

***Programm ta' ħidma***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta jkun applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ mill-Unjoni li jridu jiġu implimentati permezz tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK u l-mekkaniżmu eżekuttiv tal-Ewropa Globali.

**2a. Meta tadotta programmi ta' ħidma fis-settur tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari l-proġetti ta' interess komuni u l-proġetti ta' interess reċiproku u l-azzjonijiet relatati li għandhom l-għan li jintegraw aktar is-suq intern għall-enerġija, itemmu l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jeliminaw il-konġestjonijiet fl-interkonnessjoni tal-elettriku.**

**2b. Il-programmi ta' ħidma fis-settur tal-enerġija għandhom jindikaw l-ammonti stmati għall-objettivi speċifiċi dwar l-enerġija msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), u għandhom iqisu l-iżviluppi fil-politika tal-enerġija tal-UE, *fost l-oħrajn il-qafas* għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija.**

3. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità [...] mal-proċedura ta' **eżami** msemmija fl-Artikolu 15(3).

**3a. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiżguraw koerenza u komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].**

***Artikolu 12a***

***Għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni***

**Sussegwentement għal kull sejħa għal proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lill-proġetti magħżula jew lil partijiet minnhom u li jispeċifika l-kundizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tagħhom. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).**

*Artikolu 13*

***Atti delegati***

Soġġett għall-**approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-**Artikolu 172, it-tieni paragrafu, TFUE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 1**4**[...] ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Anness ta' dan ir-Regolament rigward il-lista indikattiva ta' proġetti.

*Artikolu 14*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11(4) u 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2034.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 11(4) u 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11(4) u 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 12(3) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

***Proċedura ta' Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), il-kumitat għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjoni li ġejja: "FNE Trasport".

Għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), il-kumitat għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjoni li ġejja: "FNE Enerġija".

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [...]**5** tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**3a. Għal kwistjonijiet li jikkonċernaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3), meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

4. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir hekk.

5. F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li jitqiesu s-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 16*

***Emenda tar-Regolament (UE) 2024/1679***

Fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2024/1679 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika r-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' infrastruttura**, imsemmija fil-paragrafu 1**, li jindirizza kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk tad-difiża ("infrastruttura b'użu doppju").

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3)."

*Artikolu 17*

***Tħassir***

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 18*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***[27]

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 2021/1153, li għandhom jibqgħu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/1153.

**2a. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328 għandu jkompli japplika sakemm jitħassar bl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) 2024/1679.**

[27] **Tista' tkun meħtieġa aktar riflessjoni dwar il-miżuri ta' tranżizzjoni, inkluż bidu eċċezzjonali tal-eliġibbiltà, jekk l-att ma jiġix adottat qabel l-1 ta' Jannar 2028.**

*Artikolu 19*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**Anness tal-ANNESS**

Lista indikattiva ta' proġetti ta' interess komuni b'dimensjoni transfruntiera kif imsemmi fl-Art**ikolu** 3(2)(a), l-ewwel inċiż**. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, is-sezzjonijiet jirreferu għall-konnessjonijiet ferrovjarji.**

| | **Kuritur tal-Atlantiku** |
|---|---|
| FR - ES | Bordeaux - Burgos |
| ES - PT | Madrid - Lisboa |
| PT - ES | **Lisboa -** Porto - Vigo - A Coruña |
| | **Kuritur tal-Baħar Baltiku — Baħar l-Iswed — Baħar Eġew** |
| RO - BG | Craiova - Sofia |
| RO - BG | ***București*** […] - Giurgiu - Ruse - Varna |
| BG - EL | Sofia - Thessaloniki |
| EL - BG | Thessaloniki - Alexandropoulis - Burgas |
| PL - SK - HU | Krak**ó**[…]w - Košice - Miskolc |
| RO - UA | Plo**ieş**[…]ti - Bac**ă**[…]u - Chernivtsi |
| RO - MD | **Paşcani -** Iasi - Chi**ş**[…]in**ă**[…]u |
| | **Kuritur tal-Baħar Baltiku — Baħar Adrijatiku** |
| PL - CZ | Katowice / Opole - Ostrava - Brno |
| AT - SI | **Wien -** Graz - Maribor |
| **AT - IT** | **Villach - Udine - Trieste** |
| AT - SK[…] | Wien - Bratislava[…] |
| **AT - HU** | **Wien - Budapest** |
| **SK - HU** | **Bratislava - Budapest** |
| **AT - HU - HR** | **Wien - Szombathely – Zagreb** |

| | |
|---|---|
| PL - SK | Katowice – Žilina |
| | **Kuritur tal-Mediterran** |
| FR - IT | Lyon - **Torino**[…] |
| FR - ES | Montpellier - Perpignan - Barcelona **- Valencia** |
| FR - IT | **Marseille -** Nice - Genova |
| **HR - HU** | **Rijeka - Zagreb - Székesfehérvár** |
| IT - SI | **Venezia -** Trieste **/ Koper** - Divača - […] Ljubljana |
| HU - UA | Nyiregyhaza - Chop |
| | **Kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana — Renu — Mediterran** |
| FR - BE | Seine - Escaut, **inkluż it-tributarji** (passaġġi fuq l-ilma interni) |
| NL - DE | Arnhem - Emmerich - Oberhausen |
| **NL - DE** | **Eindhoven - Mönchengladbach** |
| BE - NL | Gent - Terneuzen |
| **BE - NL** | **Bruxelles/Brussel - Amsterdam** |
| BE - LU | Namur - Luxembourg **/ Bettembourg** |
| IT - CH | […]**Genova** – Milano/ **Novara - Chiasso** […] **- Brig** |
| DE - CH | Karlsruhe - Basel |
| IE - UK | Dublin - Belfast |
| | **Kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana — Baltiku** |
| **FI -** EE - LV - LT - PL | **Tampere - Helsinki -** Tallinn - Riga - Vilnius - Warszawa (**li jkopru** Rail Baltica) |
| DE - PL | Berlin - Szczecin |
| DE - PL | Berlin - Frankfurt[…] (Oder) - Poznań[…] **- Warszawa** |
| PL - UA | Krakó[…]w - Lviv |
| PL - UA | Lublin - Kovel |

| **Kuritur tar-Renu — Danubju** | |
|---|---|
| DE - CZ | Nürnberg / Regensburg - Pilsen - Praha |
| DE - CZ | Dresden - Praha **/ Kolín** |
| CZ - AT - SK | **Praha -** Brno - Wien / Bratislava |
| DE - AT - SK - HU - HR **- BiH - RS -** RO - BG **- MD - UA** | Rhine / Danube**, inkluż it-tributarji** (passaġġi fuq l-ilma interni) |
| […] CZ **- SK** | Olomouc (Zlin) – Žilina |
| HU - RO | Budapest - […]Timisoara |
| **HU - RO** | **Budapest - Cluj – București** |
| SK - UA | Košice - Chop |
| **Kuritur tal-Iskandinavja — Mediterran** | |
| **DE**[…] - AT - **IT**[…] | M**ünchen**[…] **- Innsbruck -** Verona (ikopri l-mina tal-Bażi ta' Brenner) |
| D**K**[…] - D**E**[…] | **København** […]- Lübeck (ikopri l-**konnessjoni fissa** [...] tal-**B**elt ta' Fehmarn […]) |
| SE - FI | Umeå - Luleå - Oulu (kuritur tal-Botnja) |
| **SE - FI** | **Stockholm - Turku - Helsinki** |
| SE - NO | Stokkolma - Oslo |
| **SE - NO** | **Göteborg - Oslo** |
| **SE - NO** | **Luleå - Narvik** |
| **Kuritur tal-Balkani tal-Punent — Lvant tal-Mediterran** | |
| AT - SI | Villach - Ljubljana |
| HR - SI | Zagreb - Ljubljana |
| EL - MK | Thessaloniki - Guevgueliya - Skopje |
| BG - RS | Sofija - Niš |

| | |
|---|---|
| **BG - MK** | **Sofia - Skopje** |
| HR - RS | Zagreb - Beograd |
| | **Fuq l-ilma** |
| | Spazju Marittimu Ewropew u l-portijiet tat-TEN-T **(inkluż il-konnessjonijiet maż-żoni interni)** |
| | **Network komprensiv** |
| FR - ES | Pau - Canfranc |
| **ES - PT** | **Sevilla - Faro** |
| **BE**[…] - **FR**[…] | Mons - Valenciennes |
| NL - DE | Groningen - Oldenburg |
| PL - CZ | Wrocław - Praha |
| **DE**[…] - **AT**[…] | München - Linz |
| BE - **NL**[…][…] **DE**[…] | Antwerpen - Venlo - Mönchenbucagladbach |
| **EL - AL** | **Thessaloniki - Durrës** |
| **EL - MK** | **Florina - Veles** |
| **SE - NO** | **Sundsvall - Trondheim** |